

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1014/2014**tat-22 ta' Lulju 2014**

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontenut u l-kostruzzjoni ta' sistema komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-operazzjonijiet finanzjati mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 107(1) flimkien mal-Artikolu 109(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 jistipula l-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni komuni bl-għan li titkejjel il-prestazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (il-FEMS). Dik is-sistema għandha tgħin b'mod partikolari biex jintwerew il-progress u l-kisbiet tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni; biex tiġi vvalutata l-effettività, l-effiċjenza u r-relevanza tal-operazzjonijiet tal-FEMS; biex tikkontribwixxi għal appoġġ immirat aħjar għall-Politika Komuni tas-Sajd u Politika Marittima Integrata tal-Unjoni; biex tappoġġa proċess ta' tagħlim komuni b'rabta mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni; u biex tipprovdi evalwazzjonijiet sodi bbażati fuq l-operazzjonijiet tal-FEMS li jikkontribwixxu għall-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.
- (2) Il-kontenut u l-kostruzzjoni tas-sistema komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandhom jiġu definiti biex ikun żgurat li jitwettqu biżżejjed attivitajiet ta' evalwazzjoni xierqa. Għaldaqstant huwa meħtieġ li tiġi determinata lista ta' indikaturi komuni biex jintużaw mill-Istati Membri biex id-dejta tkun tista' tiġi aggregata fil-livell tal-Unjoni u l-prestazzjoni tal-FEMS tkun tista' tiġi valutata mill-Kummissjoni fir-rigward tal-għanijiet tal-politika stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 508/2014.
- (3) Skont l-Artikolu 109 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 l-indikaturi komuni għandhom ikunu applikabbli għal kull programm u għandu jkollhom rabta mas-sitwazzjoni tal-bidu kif ukoll mal-eżekuzzjoni finanzjarja, il-prestazzjoni u r-riżultati tal-programm. Dawn l-indikaturi komuni għandhom jintużaw ukoll għall-analiżi tal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.
- (4) L-indikaturi komuni għandhom ikunu konformi mal-indikaturi stabbiliti fil-prijoritajiet tal-programm fl-Artikolu 27(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, li jinkludu indikaturi b'rabta man-nefqa allokata, indikaturi tal-prestazzjoni b'rabta mal-operazzjonijiet appoġġati u indikaturi tar-riżultati b'rabta mal-prijorità inkwistjoni. Dawn għandhom jinkludu wkoll indikaturi tal-kuntest b'rabta mas-sitwazzjoni tal-bidu qabel l-implimentazzjoni tal-programm.
- (5) L-indikaturi msemmija fl-Artikolu 107(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 huma marbuta mal-impatt tal-programm fil-livell ta' kull Prijorità tal-Unjoni u mhumiex koperti b'dan ir-Regolament.
- (6) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kontenut u l-kostruzzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni

1. Is-sistema komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 għandha tkun magħmula minn dawn l-elementi:

- (a) loġika ta' intervent li turi l-interazzjonijiet bejn il-prijoritajiet, l-oqsma ta' attenzjoni iffukata u l-miżuri kif stipulat fl-Artikolu 18(1)(a) u l-Artikolu 116 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014;
- (b) il-ġabra ta' indikaturi komuni msemmija fl-Artikolu 109 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014;
- (c) id-dejta kumulattiva rilevanti dwar l-operazzjonijiet magħżula għall-iffinanzjar, kif stipulat fl-Artikolu 97(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014;
- (d) ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 114 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 flimkien mal-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013;
- (e) il-pjan ta' evalwazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 115 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 flimkien mal-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013;
- (f) l-evalwazzjonijiet *ex ante* u *ex post* u l-evalwazzjonijiet l-oħra kollha marbuta mal-programmi tal-FEMS, kif stipulat fl-Artikoli 115, 116 u 117 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 flimkien mal-Artikoli 55, 56 u 57 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013;
- (g) l-eżami tal-prestazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

2. Meta tkun qed tapplika l-Artikolu 97(1)(a) u l-Artikoli 114 sa 117 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, flimkien mal-Artikoli 21(1), 50, 55, 56 u 57 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-awtorità maniġerjali għandha tuża l-lista ta' indikaturi komuni msemmija fl-Artikolu 109 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 fl-elementi differenti tas-sistema komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Artikolu 2

Lista ta' Indikaturi Komuni

Il-lista ta' indikaturi komuni msemmija fl-Artikolu 109 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 hija stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

**INDIKATURI KOMUNI LI GĦANDHOM JINTUŻAW FIS-SISTEMA KOMUNI TA' MONITORAĠĠ U
EVALWAZZJONI**

I. INDIKATURI TAL-KUNTEST ⁽¹⁾

Prijorità tal-Unjoni 1 — Il-promozzjoni ta' sajd ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiv, kompetittiv u bbażat fuq l-għarfien

1. Il-flotta tas-sajd
 - (a) l-għadd ta' bastimenti
 - (b) kW
 - (c) GT

2. Il-valur miżjud gross għal kull impjegat ekwivalenti ta' ingaġġ full-time (FTE) ⁽¹⁾ (elf euro għal kull impjegat FTE)

3. Profitt nett (elf euro)

4. Ir-redditu fuq l-investment ta' assi tanġibbli fissi ⁽²⁾ (%)

5. Indikaturi tas-sostenibbiltà bijoloġika ⁽³⁾
 - (a) indikatur tal-qbid sostenibbli
 - (b) indikatur tal-istokk friskju

6. Effiċjenza tal-karburant ta' qabdiet tal-ħut (litri ta' karburant/tunnellata ta' qabda żbarkata)

7. Indikaturi tal-ekosistema kif definit għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾
 - (a) Il-medda ta' qiegħ il-baħar milquta b'mod sinifikanti minn attivitajiet tal-bniedem għat-tipi differenti ta' sot-tostrati (%) ⁽⁵⁾
 - (b) Rati ta' qabdiet inċidentali ta' ċetaċċi fis-sajd (qabda inċidentali għal kull unità ta' sforz) ⁽⁶⁾

8. Għadd ta' impjegati (FTE)
 - (a) Għadd ta' impjegati (FTE) inklużi maskili u femminili
 - (b) Għadd ta' impjegati (FTE) femminili

9. L-inċidenza ta' korrimenti u inċidenti b'rabta max-xogħol
 - (a) L-għadd ta' korrimenti u inċidenti b'rabta max-xogħol
 - (b) % imqabbel mat-total ta' sajjeda

10. Kopertura ta' żoni protetti tal-baħar (MPAs) ⁽⁷⁾
 - (a) Kopertura ta' żoni Natura 2000 magħżula skont id-direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats (km²)
 - (b) Kopertura ta' miżuri ta' protezzjoni spazjali oħra skont l-Art. 13.4 tad-Direttiva 2008/56/KE (km²)

⁽¹⁾ L-indikaturi tal-kuntest għandhom jiġu provduti fil-livell aggregat tal-UE.

Prijorità tal-Unjoni 2 — It-trawwim ta' akkwakultura ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiva, kompetittiva u bbażata fuq l-għarfien

1. Volum tal-produzzjoni tal-akkwakultura (tunnellati)

 2. Valur tal-produzzjoni tal-akkwakultura (elf euro)

 3. Profitt nett (elf euro)

 4. Volum tal-produzzjoni tal-akkwakultura organika (tunnellati)

 5. Volum tal-produzzjoni tas-sistema ta' riċirkulazzjoni (tunnellati)

 6. Għadd ta' impjegati (FTE)
 - (a) Għadd ta' impjegati (FTE) inklużi maskili u femminili
 - (b) Għadd ta' impjegati (FTE) femminili
-

Prijorità tal-Unjoni 3 — It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-PKS — (Il-Kontroll u l-Ġbir tad-Dejta)

A. Miżuri ta' Kontroll

1. Ksur serju fl-iSM (għadd totali f'dawn l-aħħar 7 snin)

 2. Żbarki li huma soġġetti għall-kontroll fiżiku (%)

 3. Riżorsi eżistenti disponibbli għall-kontroll
 - (a) Kontroll ta' bastimenti u inġenji tal-ajru disponibbli (għadd)
 - (b) Għadd ta' impjegati (FTE)
 - (c) Allokazzjoni baġitarja (evoluzzjoni l-aħħar 5 snin, elf euro)
 - (d) Bastimenti mgħammra b'ERS u/jew VMS (għadd)
-

B. Miżuri għall-Ġbir tad-Dejta

L-eżekuzzjoni ta' sejħiet tad-dejta taħt id-DCF ^(§) (%)

Prijorità tal-Unjoni 4 — Żieda fl-impjiegi u l-koeżjoni territorjali

It-tul tal-kosta, il-passaġġi fuq l-ilma ewlenin u l-korpi tal-ilma ewlenin

- (a) It-tul tal-kosta (km)
 - (b) It-tul tal-passaġġi fuq l-ilma ewlenin(km)
 - (c) It-tul tal-korpi tal-ilma ewlenin (km²)
-

Prijorità tal-Unjoni 5 — It-trawwim tal-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar

1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi (POs), l-assoċjazzjonijiet tal-POs, l-organizzazzjonijiet bejn il-fergħat (IBOs)
 - (a) Għadd ta' POs
 - (b) Għadd ta' assoċjazzjonijiet ta' POs
 - (c) Għadd ta' IBOs
 - (d) Għadd ta' produtturi jew operaturi għal kull PO
 - (e) Għadd ta' produtturi jew operaturi għal kull assoċjazzjoni ta' PO
 - (f) Għadd ta' produtturi jew operaturi għal kull IBO
 - (g) % ta' produtturi jew operaturi membri ta' PO
 - (h) % ta' produtturi jew operaturi membri ta' assoċjazzjoni ta' POs
 - (i) % ta' produtturi jew operaturi membri ta' IBO
-
2. Valur annwali ⁽⁹⁾ ta' fatturat ta' produzzjoni kummerċjalizzata tal-UE
 - (a) Valur annwali ta' fatturat ta' produzzjoni kummerċjalizzata tal-UE (elf euro)
 - (b) % ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq (valur) minn POs
 - (c) % ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq (valur) minn assoċjazzjoni ta' POs
 - (d) % ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq (valur) minn IBOs
 - (e) % ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq (volum) minn POs
 - (f) % ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq (volum) minn assoċjazzjoni ta' POs
 - (g) % ta' produzzjoni mqiegħda fis-suq (volum) minn IBOs
-

Prijorità tal-Unjoni 6 — It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata

1. Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infurmazzjoni (CISE) għas-sorveljanza tad-dominju tal-baħar tal-UE (%).
-
2. Kopertura ta' żoni protetti tal-baħar (MPAs)
 - (c) Kopertura ta' żoni Natura 2000 magħżula skont id-direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats (km²)
 - (d) Kopertura ta' miżuri ta' protezzjoni spazjali oħra skont l-Art. 13.4 tad-Direttiva 2008/56/KE (km²)
-

 II. INDIKATURI TA' PRESTAZZJONI

Prijorità tal-Unjoni 1 — Il-promozzjoni ta' sajd ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiv, kompetittiv u bbażat fuq l-għarfien (Għadd ta' proġetti) (*Indikaturi rilevanti wkoll għal proġetti tas-sajd fl-ilmijiet interni)

1. L-innovazzjoni, is-servizzi ta' konsulenza u sħubijiet ma' xjenzati *
-
2. Is-sistemi ta' allokkazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd *
-
3. Il-valur miżjud, il-kwalità, l-użu ta' qabdiel mhux mixtieqa u l-portijiet tas-sajd, is-siti tal-iżbark, is-swali tal-azzjoni u l-postijiet ta' kenn *
-

-
4. Il-miżuri ta' konservazzjoni, it-tnaqqis tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent u l-addattament tas-sajd għall-ħarsien tal-ispeċijiet *

 5. Il-waqfien permanenti

 6. Il-ħarsien u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi ⁽¹⁰⁾ *

 7. L-effiċjenza enerġetika u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima *

 8. Il-bdil jew l-immodernizzar tal-magni *

 9. Il-promozzjoni tal-kapital uman u d-djalogu soċjali, id-diversifikazzjoni u il-forom ġodda ta' introjtu, in-negozji li għadhom kemm jifthū għas-sajjeda u s-saħħa/sikurezza*

 10. Waqfien temporanju

 11. Fondi mutwi

Prijorità tal-Unjoni 2 — It-trawwim ta' akkwakultura ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiva, kompetittiva u bbażata fuq l-għarfien (Għadd ta' proġetti)

1. L-innovazzjoni, is-servizzi ta' konsulenza

 2. L-investimenti produttivi fl-akkwakultura

 3. Il-limitazzjoni tal-impatt tal-akkwakultura fuq l-ambjent (immaniġġjar ekoloġiku, skemi tal-awditjar, servizzi ambjentali tal-akkwakultura)

 4. Iż-żieda fil-potenzjal tas-siti tal-akkwakultura u l-miżuri dwar is-saħħa pubblika u tal-annimali

 5. Il-promozzjoni tal-kapital uman tal-akkwakultura b'mod ġenerali u ta' bdiewa ġodda fis-settur tal-akkwakultura

 6. Assigurazzjoni fuq l-istokkijiet tal-akkwakultura
-

Prijorità tal-Unjoni 3 — It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-PKS: Il-Kontroll u l-Ġbir tad-Dejta. (Għadd ta' proġetti)

1. L-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar

 2. L-appoġġ għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta
-

Prijorità tal-Unjoni 4 — Żieda fl-impjegji u l-koeżjoni territorjali (Għadd ta' proġetti, minbarra 1)

1. Għadd ta' strateġji lokali ta' żvilupp implimentati
-

2. Appoġġ preparatorju

3. Kooperazzjoni

Prijorità tal-Unjoni 5 — It-trawwim tal-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar (Għadd ta' proġetti, min-barra 1 u 4)

1. Għadd ta' organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi appoġġati għall-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni

2. Miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni u għall-għajnuna fil-ħżin

3. Proċessar

4. Għadd ta' operaturi li jibbenefikaw minn skemi ta' kumpens

Prijorità tal-Unjoni 6 — It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata (Għadd ta' proġetti)

1. Sorveljanza marittima integrata

2. Il-ħarsien u t-titjib ta' għarfien dwar l-ambjent tal-baħar ⁽¹⁾

III. INDIKATURI TAR-RIŻULTATI

Prijorità tal-Unjoni 1 — Il-promozzjoni ta' sajd ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiv, kompetittiv u bbażat fuq l-għarfien

1. Bidla fil-valur ta' produzzjoni (elf euro)

2. Bidla fil-valur ta' produzzjoni (tunnellati)

3. Bidla fi profitti netti (elf euro)

4. Bidla f'qabdiet mhux mixtieqa ⁽¹²⁾

(a) Bidla f'qabdiet mhux mixtieqa (tunnellati)

(b) Bidla f'qabdiet mhux mixtieqa (%)

5. Bidla fl-effiċjenza tal-karburant ta' qabdiet tal-ħut (litri ta' karburant/EUR qabda żbarkata)

6. Bidla f' % ta' flotot żbilanċjati ⁽¹³⁾

7. Impjiegi maħluqa (FTE) fis-settur tas-sajd jew attivitajiet komplementari

8. Impjiegi miżmuma (FTE) fis-settur tas-sajd jew attivitajiet komplementari

-
9. Bidla fil-korrimenti u inċidenti b'rabta max-xogħol
 - (c) Bidla fl-għadd ta' korrimenti u inċidenti b'rabta max-xogħol
 - (d) Bidla f' % ta' korrimenti u inċidenti b'rabta max-xogħol meta mqabbla mat-total ta' sajjeda
-
10. Bidla fil-kopertura ta' żoni protetti tal-baħar (MPAs) rilevanti għal UP 1:
 - (a) Bidla fil-kopertura ta' żoni Natura 2000 magħżula skont id-direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats (km²)
 - (b) Bidla fil-kopertura ta' miżuri ta' protezzjoni spazjali oħra skont l-Art. 13.4 tad-Direttiva 2008/56/KE (km²)
-

Prijorità tal-Unjoni 2 — It-trawwim ta' akkwakultura ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiva, kompetittiva u bbażata fuq l-għarfien

1. Bidla fil-volum tal-produzzjoni tal-akkwakultura (tunnellati)
-
2. Bidla fil-valur tal-produzzjoni tal-akkwakultura (elf euro)
-
3. Bidla fi profitti netti (elf euro)
-
4. Bidla fil-volum ta' produzzjoni tal-akkwakultura organika (tunnellati)
-
5. Bidla fil-volum ta' produzzjoni tas-sistema ta' riċirkulazzjoni (tunnellati)
-
6. Bidla fil-volum ta' produzzjoni tal-akkwakultura ċertifikati taħt skemi volontarji ta' sostenibbiltà (tunnellati)
-
7. Farms tal-akkwakultura li joffru servizzi ambjentali (għadd ta' farms)
-
8. Impjiegi maħluqa (FTE)
-
9. Impjiegi miżmuma (FTE)
-

Prijorità tal-Unjoni 3 — It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-PKS — (Il-Kontroll u l-Ġbir tad-Dejta)

A. Miżuri ta' Kontroll

1. L-ammont ta' każijiet ta' ksur serju identifikati ⁽¹⁴⁾
-
2. Żbarki li kienu ġew soġġetti għall-kontroll fiżiku (%)
-

B. Miżuri għall-Ġbir tad-Dejta

Żieda fil-perċentwal ta' lħiq ta' sejħiet għad-dejta (%) ⁽¹⁵⁾

Prijorità tal-Unjoni 4 — Żieda fl-impjiegi u l-koeżjoni territorjali

1. Impjiegi maħluqa (FTE) fis-settur tal-akkwakultura

2. Impjiegi miżmuma (FTE) fis-settur tal-akkwakultura

3. Negozji maħluqa (għadd)

Prijorità tal-Unjoni 5 — It-trawwim tal-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar

Bidla fil-produzzjoni tal-UE b'distinzzjoni bejn POs u mhux POs

- (a) Bidla fil-valur tal-ewwel bejgħ f'POS (elf euro)
- (b) Bidla fil-volum tal-ewwel bejgħ f'POs (tunnellati)
- (c) Bidla fil-valur tal-ewwel bejgħ mhux f'POS (elf euro)
- (d) Bidla fil-volum tal-ewwel bejgħ mhux f'POs (tunnellati)

Prijorità tal-Unjoni 6 — It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata

1. Żieda fl-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infurmazzjoni (CISE) għas-sorveljanza tad-dominju tal-baħar tal-UE (%).

2. Bidla fil-kopertura ta' żoni protetti tal-baħar (MPAs) rilevanti għal UP 6:
 - (a) Bidla fil-kopertura ta' żoni Natura 2000 magħżula skont id-direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats (km²)
 - (b) Bidla fil-kopertura ta' miżuri ta' protezzjoni spazjali oħra skont l-Art. 13.4 tad-Direttiva 2008/56/KE (km²)

⁽¹⁾ Impjeg imkejjeġ fekwivalenti full-time.

⁽²⁾ Kif definit fil-linji gwida għall-analiżi tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd. Il-valur tal-indikatur fejn disponibbli fir-rapport tal-flotta.

⁽³⁾ Kif definit fil-linji gwida għall-analiżi tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd. Il-valur tal-indikatur fejn disponibbli fir-rapport tal-flotta.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

⁽⁵⁾ Indikatur 6.1.2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/477/UE tal-1 ta' Settembru 2010 dwar kriterji u standards metodoloġiċi għal status ambjentali tajjeb ta' ilmijiet tal-baħar (ĠU L 232, 2.9.2010, p. 14).

⁽⁶⁾ Dawn jistgħu jiġu derivati minn rappurtar skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 tas-26 ta' April 2004 li jip-preskrivi miżuri li jikkonċernaw qabdiet inċidentali ta' ċetaċji fil-meded (żoni) tas-sajd u jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/98 (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 12).

⁽⁷⁾ Dejta dwar MPAs magħżula nazzjonalment hija inkluzja fil-Bażi tad-Dejta Komuni dwar Żoni Magħżula (CDDA) miżmuma mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Dejta deskrittiva u spazjali għal kull żona Natura 2000 hija disponibbli fuq <http://natura2000.eea.europa.eu>

⁽⁸⁾ 100 % minbarra n-nuqqas li tingħata l-ġabra sħiħa ta' dejta meħtieġa fi dan modulu fi ħdan sejħa speċifika għad-dejta b'rabta mal-għadd ġenerali ta' sejħiet għad-dejta f' %.

⁽⁹⁾ Perjodu bażi: 2009-2011.

⁽¹⁰⁾ Inklużi proġetti taħt il-miżura tal-FEMS rilevanti li jistgħu jappoġġaw l-għanijiet tal-kisba u ż-żamma ta' status ambjentali tajjeb kif meħtieġ mid-Direttiva 2008/56/KE.

⁽¹¹⁾ Promozzjoni tal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u kostali.

⁽¹²⁾ Qabdiet li jiġu żbarkati mhux għall-konsum mill-bniedem.

⁽¹³⁾ Skont l-istimi tal-valur inizjali fil-PO tal-FEMS.

⁽¹⁴⁾ Id-dejta meħtieġa se tkun disponibbli għall-Kummissjoni permezz ta' websajt li kull Stat Membri kellu jkollu installat sa mill-1.1.2012 f'konformità mal-Artikoli 93 u 116 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

⁽¹⁵⁾ 100 % minbarra n-nuqqas li tingħata l-ġabra sħiħa ta' dejta meħtieġa fi ħdan modulu fi ħdan sejħa speċifika għad-dejta b'rabta mal-għadd ġenerali ta' sejħiet għad-dejta f' %.
